# QORTI TA' L-APPELL KRIMINAL

**IMHALLEF Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar, 2002**

Appell numru 220/2001 (VDG)

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

-vs-

Mario Formosa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Formosa talli fil-11 ta' Awissu, 2001 ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (3.15pm) waqt li kien fi Triq Mgarr, limiti tar-Rabat, Ghawdex volontarjament saq karozza numru HAJ-829 (Ford Escort)

1. b'manjiera traskurata;
2. perikoluza;
3. aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' mutur numru FBG-373 misjuq minn Mario Attard; u
4. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Mario Attard;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-21 ta' Novembru, 2001, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Formosa hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50) kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar; dik il-Qorti ddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Mario Formosa, minnu prezentat fl-4 ta' Dicembru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta’ l-appellant hu wiehed u wiehed semplici, u cioe’ li s-sewqan tieghu ma kienx jikkwalifika bhala traskurat.  L-appellant jilmenta ukoll mill-piena, li hu jqis li kienet eccessiva.

Din il-Qorti, wara li semghet id-deposizzjoni ta’ l-uniku xhud f’din il-kawza, cioe’ ta’ Mario Attard, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.  L-appellant jidher li kien traskurat fil-manuvra ta’ sorpass li ghamel meta ghadda razenti mal-mutur u kien ghalhekk li laqat l-istess mutur.  Kwantu ghall-piena din il-Qorti ukoll tara li ma hemm ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perjodu ta’ xahar sospensjoni tal-licenjza jibda jiddekorri mit-tlieta ta’ wara nofsinhar  (3.00pm) tal-lum.

(ft.) V. DeGaetano
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur